## Politika dwar Ħlas għal Servizzi

Il-Bank iqis kull talba għal statistika skont il-każ individuali. Jekk talba partikolari titqies li ser tkun ta' piż żejjed fuq l-istaff u r-riżorsi, il-Bank jista' jiċħad it-talba. F'każ li t-talba tintlaqa', il-Bank jista' jitlob ħlas għas-servizz, kif indikat hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Ħlas fiss: | €8.50 + VAT |
| Ħlas bis-siegħa: | €16.50 + VAT |

F'każijiet fejn jista' jintalab ħlas, il-parti li tagħmel it-talba tiġi infurmata minn qabel dwar il-ħlas dovut u x-xogħol għal dik it-talba jibda biss meta l-ammont dovut jiġi aċċettat u kkonfermat.

## Informazzjoni dwar id-dritt tal-awtur

Il-Bank iżomm id-dritt tal-awtur għall-istatistika kollha ppubblikata minnu u għandu jiġi rikonoxxut bħala s-sors kull meta d-*data* akkwistata mingħandu tiġi riprodotta minn terzi.